MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1039/2004

**Dr. Paul Soler**

**Vs**

**Christopher Debono u Natasha Toutoubalina**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu Lm100 dovut bhala drittijiet professjonali tal-attur in konnessjoni mat-twelid tat-tarbija tal-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li qalu li t-talab attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok ma tezistix relazzjoni guridika bejn l-attur u z-zewg konvenuti. Jekk esistiet relazzjoni guridika din kienet biss bejn il-konvenuta Toutoubalina u St. James Hospital liema relazzjoni giet finanzjarjament saldata.

Illi sussidjarjament il-fatt illi hadd mill-konvenuti qatt ma talab ghas-servizz tal-attur.

In-konkluzjoni l-fatt illi anke jekk fil-fatt ingahta xi servizz mill-attur lit-tarbija tal-konvenuta Toutoubalina, zgur li t-talba ghall-hlas hija eccessiva peress illi vista ta' tabib zgur li ma tistax tammonta ghal Lm100 iktar u iktar meta din ma tkunx giet rikjesta. Dan zgur li jmur kontra kull principju ta' ekwita.

Sema x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Carmen Scerri qalet li l-konvenuta kienet giet l-Isptar u gew spjegati l-ispejjes lilha u hi accettat li thallas l-ispejjes. Carmen Scerri qalet li hemm xi affarjiet fil-kont li mhumiex "covered" by St. James Hospital u allura jigi kreditur il persuna li tkun effetivament ghamlet is-servizz. Carmen Scerri qal li huwa essenzjali li f'kaz ta' twelid ikun hemm midwife, obstetrician u paediatrician. Illi fil-kont esebit bhala dok CS hemm indikat lil l-ammont mitlub minn St. James ma kienx jinkludi, fost ohrajn Paediatrician fees.

Xehdet Dr. Isabelle Saliba li qalet li giet msejha biex tassisti lil konvenuta. Meta marret kien hemm il-midwife u l-paediatrician. Dr. Saliba qalet li huwa standard practice li huma jghajtu ghal paediatrician. Dr. Saliba qalet li huwa essenzjali li ikun hemm paediatrician. Dr. Saliba qalet li hi tiehu risponsabilita tal-omm u d-delivery. L-attur kien presenti waqt it-twelid. Il-konvenuta ma kienitx ilmentat dwar il-presenza tal-attur.

L-attur xehed li kienu cemplulu minn St. James Hospital. Midwife minn St. James Hospital talbet l-assistenza tieghu malajr. Hu mar hemm u sab lil Dr. Saliba u l-midwife u dawn laqqawh mal-konvenuta. Huma informaw lil konvenuta li l-attur kien se ikun il-paediatrician u kien ser jiehu hsieb it-tarbija. Dr. Saliba baqa hemm, t-tarbija twieled f'xi nofs in-nhar u l-attur ftiehem mal-konvenuta li kien se jara lit-tarbija l-ghada filghodu u hekk ghamel. L-attur rega kellem lill konvenuta u nhar it-tlieta rega mar jara t-tarbija.

L-attur esebixxa d-dokumenti li juru x-xoghol li ghamel. Dr. Soler avza lil konvenuta li kien se imur jara l-baby wara ghaxar tijiem u sar ftehim li l-konvenuta iccempel lil attur. Dr. Soler Il-konvenuta ma cemplitx u ghalhekk cemplilha Dr. Soler izda l-konvenuta qalet li ser tkompli tinqeda bit-tabib taghha. Dr. Soler qalilha li kien ser jibghat il-kont bil-posta u l-konvenuta ma qalet xejn. Dr. Soler ikkonferma li hu ma jithallasx minn St. James. Illi l-konvenut kien cempillu darba u qallu li hu ma kienx baghat ghalih u ma jafux.

Xehed il-konvenut li qal li kien gab quotation minn ghand St. James Hospital fl-ammont ta’ Lm200 u ta parir lil konvenuta li twelled St. James. Wara t-twelid ircieva kont ta’ Lm626.96 u ghal l-ewwel ma riedx ihallas izda imbaghad hallas. Imbaghad ircieva l-kont minn ghand l-attur u saqsa lil attur biex idur fuq St. James Hospital. Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li l-konvenuta hija habiba tieghu u t-tarbija hija tieghu. Il-konvenut qal li ma kienx iffirma document CS. Kien ra lil Dr. Soler darba l-isptar fejn il-konvenuta.

Fir-re-ezami l-konvenut qal li r-relazzjoni tieghu huwa ma’ St. James Hospital  u jekk Dr. Soler gie ngaggat minn St. James Hospital jista’ jibghat kont lis-St. James Hospital u imbaghad hu jirranga ma’ St. James Hospital.

Xehdet l-konvenuta li qalet li meta marret St. James giet murija d-dokument esebit minnha bhala NT1. Il-konvenuta qalet li l-midwife ma kienitx qaltilha li ghandha bzonn paediatrician. Fil-kontro-ezami l-konvenuta qalet li Dr. Soler kien kellimha darba waqt li kienet fil-“Nursery”. Il-konvenuta qalet li wara 10 tijiem l-attur kien cemplilha.

Ikkunsidra li l-attur qieghd jitlob il-hlas ghax –xoghol tieghu. Il-konvenuti qieghdin jghidu, l-ewwel li ma kien hemm ebda relazzjoni bejn l-partijiet.

Illi mill-provi jirrisulta li meta l-konvenuta marret St. James giet murija dokumenti esebit a fol 20 tal-process. Dan id-dokument jispjega li hemm diversi affarjiet li mhumiex

inkluzi fil-kont li persuna ghandha thallas lil St. James. Dawn jinkludu l-ammont dovut lil Paediatrician.

Illi l-konvenut Christopher Debono ma kienx presenti meta l-konvenuta inghatat dan id-dokument a fol. 20 tal-process. Illi l-konvenuta Natasha Toutoubalina izda accettat il-proposta ta' St. James u ghalhekk ma jistax jinghad li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenuta ghaliex l-konvenuta kellha tifhem li f'kull twelid ghandu jigi paediatrician. Illi x-xhieda jiddiskrivu l-presenza tal-paediatrician bhala "essenzjali".

Il-konvenut Debono huwa missier it-tarbija. Is-servizz inghata mill-attur wara li l-konvenuta omm it-tarbija accettat li tinghata dan is-servizz minn St. James. Illi l-attur ma gab ebda prova li l-konvenut Debono talab dan is-servizz. Illi ghalhekk t-talba fil-konfront tal-konvenut Debono ghandha tigi michuda.

Fl-ahhar l-konvenuti jghidu li t-talba ta' Lm100 hi eccessiva.

Illi l-attur xehed li mar jassisti fil-14 ta' Dicembru, li meta mar iltaqa mal-konvenuta u li fil-presenza tieghu ta' St. James informaw lil istess konvenuta li hu kien se ikun il-paediatrician. Wara li twieled it-tarbija hu ghamel x-xoghol tieghu, mar jara t-tarbija l-ghada u imbaghad rega mar l-gurnata ta' wara. Illi dan ix-xoghol huwa essenzjali f'kaz ta' twelid u l-kont ta' Lm100 ghal dan ix-xoghol ma jirrisultax li huwa eccessiv. Illi l-attur huwa "specialist". Illi l-kont tal-attur jinkludi : "assistance of infant at delivery, first neonatal and discharge physical examinations, in patient car and on-call charges while at Capua St. James Hosptial".

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa n-parti l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u jiddikjara li ma kien hemm ebda relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut Christopher Debono. Jilqa t-talba tal-attur fis-sens li jiddikjara li l-konvenuta Natasha Toutoubalina ghandha thallas Lm100 lil attur u jikkundanna l-istess konvenuta biex thallas Lm100 lil attur. Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------